# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. 1266/11JRM**

**PALM SHIPPING AGENCY LIMITED (C – 9712)**

vs

**KORPORAZZJONI ENEMALTA** u b'Nota tal-11 ta' Frar, 2015, Enemalta p.l.c. assumiet l-atti tal-kawża minflok il-Korporazzjoni Enemalta

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara talba magħmula mill-avukat difensur tal-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tal-5 ta' Novembru, 2014[1], waqt l-għoti tax-xhieda fil-kontro-eżami ta' Nicholas Frendo, rappreżentant tal-kumpannija attriċi, li biha talab li l-Qorti tordna lill-istess xhud iressaq kopja tal-ftehim ta' aġenzija li l-kumpannija attriċi kellha mal-kumpannija Total billi tali ftehim jikkostitwixxi prova rilevanti u "fil-fatt l-aqwa prova" dwar l-allegati kummissjonijiet li l-istess kumpannija tgħid li tilfet u d-danni li tgħid li ġarrbet, u liema dokument l-istess kumpannija mħarrka ma tistax tressqu hi bi prova għaliex jinsab fil-pussess tal-kumpannija attriċi. Fit-talba magħmula, l-istess avukat difensur iddikjara li ma kienx

[1] Paġ. 284 tal-proċess

isib oġġezzjoni li meta jitressaq l-imsemmi dokument xi klawsoli tal-ftehim li jkunu kummerċjalment sensittivi jkunu ingassati;

Illi l-avukat difensur tal-kumpannija attriċi laqa' għal din it-talba billi tenna li l-ftehim, li kien ġie iffirmat mal-ħmistax-il (15) sena qabel, ma kellu fih l-ebda klawsola dwar ħlas jew rati ta' kummissjoni dovuta li tirrigwarda s-sejħa għall-offerti mertu ta' din il-kawża, u għaldaqstant ma huwiex dokument jew prova rilevanti għall-każ. Żied jgħid li l-prova li qiegħda titlob il-kumpannija mħarrka ġa' tinsab f'dokument ieħor li jagħmel mill-atti tal-kawża[2] u li l-istess kumpannija attriċi lesta li tressaq b'xhud lil min għamlu biex jikkonfermah b'ġurament;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

## *Ikkunsidrat:*

Illi essenzjalment, it-talba tal-kumpannija mħarrka hija talba għal produzzjoni ta' prova dokumentali;

Illi biex il-Qorti tkun f'qagħda li tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent, trid tħares lejn il-liġi tal-proċedura b'qies mal-ħtieġa li jitħarsu l-jedd ta' kull min ikun milqut, l-aktar il-jedd għal smigħ xieraq lill-partijiet. B'mod partikolari, huwa prinċipju ewlieni li l-prova li tkun trid titressaq tkun waħda rilevanti għall-kwestjoni fil-kawża bejn il-partijiet[3] u kif ukoll li tkun l-aħjar prova li l-parti konċernata tista' ġġib għall-konsiderazzjoni tal-Qorti[4];

Illi f'dan ir-rigward, l-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet u rat l-atti rilevanti tal-kawża u ssib li, fil-qafas tal-istess azzjoni, d-dokument mitlub mill-kumpannija mħarrka ma jindirizza l-ebda waħda mit-talbiet tal-kumpannija attriċi u lanqas il-premessi tar-Rikors Promotur u lil hinn minn dak li l-Qorti qatt tista' tikkonsidra, u għalhekk tqum ukoll kwestjoni ta' rilevanza dwar it-tressiq tal-istess dokumenti[5];

Illi b'żieda ma' dan, ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex il-kumpannija mħarrka trid li titressaq prova li ssostni (jekk inhu hekk) pretensjoni tal-parti l-oħra, meta l-parti l-oħra kellha żmien aktar minn biżżejjed biex

[2] Dok "NF2", f'paġ. 193 tal-proċess
[3] Art. 558 tal-Kap 12
[4] Art. 559 tal-Kap 12
[5] Art. 560(1) tal-Kap 12

tressaq il-provi tagħha. Jekk tali prova ma nġibitx, u jekk kienet tabilħaqq waħda meħtieġa, l-effett ikun fuq min ma ressaqhiex u mhux fuq il-parti l-oħra (f'dan il-każ il-kumpannija mħarrka) li qiegħda tikkontesta l-istess pretensjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija mħarrka billi **tiċħadha** u ssib li d-dokument mitlub ma għandux jitressaq bi prova quddiem din il-Qorti.

Mogħti kameralment, illum, 20 ta' Ottubru, 2015.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

Komunika: Dr. Nicolai Vella Falzon LL.D., għall-kumpannija attriċi

Dr. Paul Cachia LL.D., għall-kumpannija mħarrka

(Kopja għan-notifika tal-partijiet)